TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 54/14-F

**Jonathan Scicluna**

**vs**

**Michael Attard Limited**

Illum 24 ta' Ġunju, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 ta' Marzu, 2014 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350), rappreżentanti *service* tal-karozza.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ħa l-karozza tiegħu għand is-soċjeta' ntimata għas-*service*, fejn fuq il-*website* tas-soċjeta' ntimata kien jgħid illi *full service* jinkludi wkoll illi t-*timing belt* tiġi mibdula u dan ma kienx sar fis-*service* li kien għamel minkejja li jgħid hekk.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi kienu nformaw lir-rikorrenti li biex jinbidel it-*timing belt* kellu jħallas, filwaqt li indikat illi fuq il-*website*, t-*timing belt* kienet tidher illi qegħda ittikjata taħt il-kolonna '*full*' u mhux taħt il-kolonna '*interim*', u b'hekk mhix qegħda parti mill-prezz ta' *service*.

Minkejja li wara dan irtiraw ir-reklam ma jfissirx li kien ammissjoni, jista' jfisser li jkun *misleading*.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota wkoll illi r-rikorrenti ma jistax jieħu vantaġġ minn sitwazzjoni li għalkemm forsi ma kinitx ċara, hija ovja li parti mill-prezz ta' *service* hemm ammont sostanzjali biex jinbidel it-*timing belt*, pero' żgur li mhuwiex parti mill-prezz.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888